30 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*,
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Neg. Joseph Portelli *versus* Giuseppa Vassallo et (*)

**Kontijiet — Approvazzjoni — "Actio Mandati Contraria" — Mandat — Amministrazzjoni — Preskrizzjoni — Art. 2262 u 2254 (d) tal-Kodiċi Civili.**

*L-azzjoni tal-mandatarju għall-approvazzjoni tal-kontijiet u għal ħlas tal-bilanċ li jirriżulta favur tiegħu minn dawk il-kontijiet kontra l-kostitwenti tiegħu tiġi preskritta fi żmien sentejn, u mhux f'ħames snin, li jibdew jgħoddu minn meta jispiċċa l-inkariku; u dan avvolja l-azzjoni tal-mandant kontra l-mandatarju tippreskrivi ruħha f'ħames snin.*

*Imma jekk il-mandanti jammettu b'dokument miktub li huma għandhom iħallsu lill-mandatarju, l-azzjoni ta' dan tippreskrivi ruħha f'ħames snin.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn issottometta li hu, b'ittra uffiċjali tas-7 ta' Marzu u tat-12 ta' April 1945 (dok. A u B), irrenda lill-konvenuti, eredi immedjati u medjati ta' Monsinjur Kanoniku Kapitulari Don Francesco Mallia l-kont ta' l-amministrazzjoni tal-beni ta' l-istess Monsinjur Mallia, miżmuma minnu, rendikont rigwardanti l-passiv billi l-attiv kien diġà mogħti direttament lil Monsnjur Mallia; u li l-konvenuti ma mpunjawx dan ir-rendikont; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, dana r-rendikont jiġi dikjarat approvat, u l-konvenuti jiġu kundannati li jħallsuh l-ammont li jirriżulta dovut lilu bħala bilanċ fil-kwoti indikati fid-dikjarazzjoni. Bl-interessi legali middata illi fiha dan il-bilanċ kien dovut u bl-spejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenuti;

*Omissis*;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà

---

(*) Deċiżjoni finali Appell Civili, 14. 11. 47.

Tiegħu, fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn u ċaħdet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-azzjonijiet eżerċitati f'dil-kawża mill-attur huma derivanti mill-amministrazzjoni li huwa jallega li żamm tal-ġid ta' Monsinjur Mallia, il-lum mejjet, u għaż-żmien li dak Mons. Mallia kienu għadu ħaj;

Illi jekk l-attur kien amministratur tal-ġid ta' zijuħ Mons. Mallia, li kien preżenti fil-pajjiż u kapaċi, l-attur kien mandatarju; illi rriżulta li Monsinjur Mallia kien ikkostitwixxa lil Rosaria Portelli bħala prokuratriċi ġenerali tiegħu b'att tas-7 ta' Awissu 1937, u fl-4 ta' Settembru 1938 Monsinjur Mallia miet; għalhekk mill-4 ta' Settembru 1938 l-attur ma setax ikun iżjed amministratur; u jekk l-amministrazzjoni ma kienetx spiċċat mis-7 ta' Awissu 1937, meta ma kellhiex iżjed raġuni teżisti, bil-mewt tal-kostitwent l-amministrazzjoni ntemmet għal kollox;

Illi intant l-attur stess qal fl-ittra uffiċjali tiegħu tas-7 ta' Marzu 1945, li l-kontijiet ġà kienu ġew sottomessi lil Monsinjur Mallia għall-approvazzjoni, illi l-amministrazzjoni li tagħha l-attur ippreżenta l-kontijiet li jrid li jiġu approvati kienet diġà għalqet f'ħajjiet Monsinjur Mallia. Intant dawk il-kontijiet ma ġewx approvati qatt sal-lum, u fil-kawża tal-lum l-attur qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal-kontijiet u l-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas tal-bilanċ;

Illi kontra dawk it-talbiet il-konvenuti opponew l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 2254 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tas-7 ta' Frar 1938 in re "Giuseppe Massa vs. Carmelo Ellul ne.", fuq ittagħlim tas-sentenza li dil-Qorti tat fit-2 ta' Diċembru 1895 in re "Buhagiar utrinque", bir-raġun kollu irriteniet li l-"actio mandati contraria" kompetenti lill-mandatarju biex ikollu l-approvazzjoni tal-kontijiet relativi u l-ħlas tal-bilanċ in forza tal-mandat tippreskrivi ruħha f'sentejn, li jibdew jgħaddu minn meta jispiċċa l-mandat; u dan għar-raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza, li dil-Qorti tħaddan għall-finijiet ta' dil-kawża. Dana jfisser illi l-preskrizzjoni żgur kellha tagħlaq sentejn fuq

il-mewt ta' Monsinjur Mallia, li ġrat fl-4 ta' Settembru 1938, *kemm il-darba* l-preskrizzjoni ma ġietx interrotta;

L-attur jippretendi li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni bl-ittra uffiċjali tad-19 ta' Awissu 1941 u fl-okkażjoni tal-kawżi maqtugħa mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Frar 1941 u fid-19 ta' April 1941 rispettivament. Iżda allura l-preskrizzjoni ġà kienet għalqet, u ma tirriżulta ebda rinunzja ċara għal dik il-preskrizzjoni. Infatti l-krediti ta' l-attur qatt ma ġew *ammessi* u l-kontijiet qatt ma ġew approvati. Għaldaqstant l-azzjoni ta' l-attur il-lum tinsab preskritta;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, u jiġu milqugħa t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Illi* l-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell hija dik jekk il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni esperita mill-attur appellant hijiex dik ta' ħames snin jew iżjed, jew dik ta' sentejn. Għalhekk għandha tiġi preċiżata sewwa l-azzjoni ntentata da parti ta' l-attur illi sottometta fiċ-ċitazzjoni;

Illi huwa, per mezz ta' ittra uffiċjali tas-7 ta' Marzu u oħra tat-12 ta' April 1945, kien irrenda lill- konvenuti, eredi *immedjati* u medjati ta' Monsinjur Kanoniku Kapitolari Don Francesco Mallia, il-kont ta' l-amministrazzjoni tal-beni ta' l-istess Monsinjur Mallia, miżmuma mill-attur, rendikont rigwardanti l-passiv, billi l-attiv kien diġà mogħti direttament lill-Monsinjur Mallia; u billi l-konvenuti ma mpunjawx dak ir-rendikont, talab illi dak ir-rendikont jiġi approvat mill-Qorti u l-konvenuti kundannati li jħallsu lilu l-bilanċ li jirriżulta dovut lilu;

Illi fid-dikjarazzjoni ġiet indikata s-somma ta' £965. 18. *6¼d; u fid-dikjarazzjoni* annessa maċ-ċitazzjoni, bejn wieħed u ieħor, irrepeta l-istess ħaġa u reġa' qal illi huwa kien amministratur tal-beni ta' Monsinjur Mallia u kien ikkonsenja lil dan il-kont ta' l-attiv, li ġie reġistrat fil-kotba ta' Mons. Mallia, u issa fl-1945 irrenda l-kont tal-passiv ta' li-stess amministrazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi l-liġi, fl-artikolu 2254 (d) tal-Kodiċi Ċivili (antik 1913 ta' l-Ord. VII ta' l-1868), tgħid illi l-azzjonijiet hemm indikati għandhom il-preskrizzjoni ta' sentejn, u fosthom fir-raba paragrafu, l-azzjonijiet tal-prokuraturi "ad litem" jew prokuraturi oħra, jew mandatarji, għall-ħlas li jmisshom (il-kumpens tagħhom), l-ispejjeż li huma għamlu, għal-indennizz li jkollhom jieħdu għat-telf li jbatu, u għar-restituzzjoni tal-flus li joħorġu minn tagħhom, ċjoè l-avanzi li jagħmlu. Din hija l-azzjoni li kienet imsejħa "actio mandati contraria", għaliex hija l-azzjoni ta' dawk il-prokuraturi jew mandatarji kontra l-kostitwenti tagħhom. Il-kliem tal-liġi f'din id-dispożizzjoni huma ċari, u mhux leċitu għalhekk li wieħed imur jirrivanga fl-oriġini storika ta' din id-dispożizzjoni biex jara fid-Dritt Antik x'kienet il-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni. Il-liġi tgħid u ssemmi "prokuraturi ad litem", li hija ħaġa sporadika, mandatarju ta' persuna f'dik il-liti; iżda immedjatament il-leġislatur igħid "jew ta' prokuraturi oħra", u hawn il-kelma ma baqgħetx ristretta għall-inkariku wieħed, iżda ġiet estiża għall-prokuraturi oħra; u ma hemm xejn fil-liġi biex wieħed jista' jgħid illi dik il-propożizzjoni "prokuraturi oħra" għandha tiġi ċirkoskritta għall-każ ta' inkariku speċjali illi l-kostitwent ikun ta lill-mandatarju. Kwalunkwe prokuratur, tgħid il-liġi, sew ta' inkariku speċjali sew ta' inkariku ġenerali; u biex tkun iżjed ċara żieded il-kliem "jew mandatarju", biex ma jistax jiġi miftiehem illi l-kelma "prokuratur" għandha xi sinifikat speċjali, peress li hija preċeduta bil-kliem "prokuratur ad litem"; u allura l-mandatarji għandhom ikunu u huma milqugħa bl-istess preskrizzjoni. U mbagħad il-liġi tgħid illi dik il-preskrizzjoni tolqot il-merċedi tagħhom, l-ispejjeż li jagħmlu in okkażjoni tal-mandat, l-indennizz għal kwalunkwe dannu li jistgħu jsofru mħabba l-mandat u għar-rimborż ta' l-ispejjeż kollha li huma jerogaw jew javanzaw minħabba l-mandat favur il-kostitwenti tagħhom. U dawn ma għandhomx neċessarjament ikunu l-mandatarji speċjali, iżda anki l-mandatarji ġenerali u l-amministraturi tal-beni ta' ħadd ieħor; għaliex kieku

kien diversament, il-leġislatur kien igħid u jispeċifika illi dawn huma prokuraturi jew mandatarji speċjali ta' inkariki partikulari, u mhux amministraturi; imma la darba dik id-dizzjoni ma tidherx fil-liġi, mhux leċitu għall-interpreti li jagħmilha. "*Ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus*";

Tikkunsidra;

Illi xejn ma jiswa l-argument illi skond l-art. 2262 ta' l-istess liġi l-azzjoni kontra l-mandatarju jew amminstratur ieħor taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin; għaliex jidher evidenti li l-leġislatur ried illi l-azzjoni tal-kostitwent kontra l-mandatarju tkun ta' ħames snin, mentri l-azzjoni tal-mandatarju stess kontra l-kostitwent tkun ta' sentejn; għax diversament il-leġislatur kien igħid f'dispożizzjoni appożita, kif għamel fil-każ tat-tutela (art. 222 Kod. Civ.) illi, sew l-azzjoni diretta, kemm dik kuntrarja, hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Illi f'dan is-sens iddeċediet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Diċembru 1895 (Kollez. Vol. XV, p. 328), kif ukoll din il-Qorti, f'każ analogu għal dan, fis-7 ta' Frar 1938 in re "Massa vs. Ellul", b'sentenza li biha kkonfermat dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kienet irriteniet l-istess ħaġa;

Tikkunsidra;

Illi però, kontra l-konvenuti Tarcisio Fleri, Angelica Scannura, Giuseppe Vassallo, u l-eredi tal-Farmacista Portelli, ġiet mogħtija l-eċċezzjoni li huma kienu ffirmaw dokument minn fejn jidher, kif allega l-appellant, illi huma ammettew favur tiegħu s-somma ta' £468. 19. 11, skond dik l-iskrittura debitament firmata minn għandhom. Dawn il-konvenuti eċċepew kontra dik l-iskrittura (1) illi ma tistax torbothom għaliex iridu jimpunjawha, (2) u anki l-preskrizzjoni ta' sentejn peress li ġiet firmata fl-1941 u sad-data ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1945 għaddew iżjed min sentejn. Iżda apparti l-valur ta' dik l-iskrittura, min iffirma deliberatament qal illi huwa jaċċetta illi l-appellant jitħallas is-somma ta' £468. 19. 11. Infatti fiċ-ċirkulari li kien hemm magħha u li bagħat l-attur lill-konvenuti hemm illi........... Imbagħad hemm fil-qiegħ "Accetto per la mia quota del credito di £468. 19. 11". Min iffirma dak id-dokument deliberatament, ċertament aċċetta illi l-ap-

pellant jitħallas fis-somma ta' £468. 19. 11; u għalhekk hija skrittura li minnha jidher li l-firmatarju jiddikjara li huwa debitur fil-kwota tiegħu ta' dik is-somma indikata. Għalhekk il-preskrizjoni f'dan il-każ ma tistax tibqa' dik ta' sentejn, imma ssir dik ta' ħames snin; u għalhekk sas-7 ta' Marzu u 12 ta' April 1945 dawk il-ħames snin ma kienux għadhom għaddew;

Tikkunsidra;

Illi però dana jingħad għas-somma hemm ammessa ta' £468. 19. 11, għaliex għad-differenza bejn din is-somma u s-somma l-lum mitluba ta' £965 18. 6 tibqa' l-preskrizzjoni ta' sentejn; għaliex fuq dik id-differenza ma hemm ebda ammissjoni u skrittura da parti ta' dawk il-konvenuti appellati hemm indikati;

Għal dak li jirrigwarda dik l-iskrittura, l-appellati li ffirmawha jridu jimpunjawha; iżda dan ma jistax isir issa f'dan l-istadju, iżda għandha ssir azzjoni separata għal dan il-fini;

Tikkunsidra;

Illi veru li l-attur appellant talab l-approvazzjoni tal-kont passiv, iżda dan sar bħala ħaġa preordinata għat-talba tal-kundanna ta' somom li joħorġu minn dak il-passiv, u għalhekk dik l-azzjoni hija suġġetta għall-preskrizzjoni bijennali kif irritenniet din il-Qorti fil-kawża fuq imsemmja "Massa vs. Ellul";

Tikkunsidra;

Illi fin-nota tiegħu quddiem din il-Qorti, preżentata fil-21 ta' Mejju 1947, l-appellant qajjem ukoll il-kwistjoni illi l-partijiet kienu jiltaqgħu fl-uffiċċju ta' l-avukat Dr. Alberto Magri wara l-mewt ta' Mons. Mallia, meta l-appellant ġieb 'il quddiem xi kreditu tiegħu; u peress illi l-konvenuti ma riedux jammettuhulu, qalulu jagħmel affidavit. Għalhekk, igħid huwa, il-preskrizzjoni ġiet sospiża. Imma b'dan biss ma jidherx li ġiet sospiża; u għalhekk meta għalqet dik il-preskrizzjoni huma kienu akkwistaw dritt ieħor. Imbagħad bl-eżerċizzju ta' din l-azzjoni l-appellanti qiegħed jitlob approvazzjoni ta' kontijiet u kundanna għal bilanċ minnhom, u mhux għal ebda kawżali oħra li toħroġ, kif jippretendi l-appellant, minn dak il-ftehim; u għalhekk il-Qorti għandha toqgħod għal-azzjoni, oġġett u kawża, kif inhuma dedotti, indipendentement jekk l-appellant

in forza ta' kawżalijiet oħra għandux jieħu xi somma għall-kreditu pretiż minn għandu; liema azzjonijiet jibqgħu lilu riżervati, anki kontra l-konvenuti appellati; jekk u kif trid il-liġi;

Tikkunsidra;

Illi lanqas jista' jingħad favur l-appellanti illi, kif jallega huwa, fl-inkontru li kien sar għand Dr. Magri l-interessati kienu qalulu illi jagħmel affidavit u joqgħodu fuq dak l-affidavit; għaliex dan seta' ġara sakemm id-dritt tiegħu ma kienx preskritt, peress li allura l-interessati setgħu akkampaw raġunijiet oħra. Irriżulta li dak l-affidavit ġie firmat fl-24 ta' April 1941, mentri Monsinjur Mallia miet fl-4 ta' Settembru 1938; u għalhekk meta sar l-affidavit kien hemm diġà l-preskrizzjoni ta' sentejn;

Tikkunsidra;

Illi lanqas hemm *interruzzjoni* bil-kawża "Portelli utrinque" deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' April 1944, għaliex peress li kien hemm liberatorja "ab observantia", il-kawża l-oħra kellha ssir fi żmien xahar—ħaġa li ma saretx;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti sa fejn kompatibili;

1. Tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn favur il-konvenuti appellati, barra minn Tarcisio Fleri, Angelica Scannura, Giuseppa armla Vassallo, l-eredi tal-Farmaċista Leone Portelli, u għalhekk ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant;

2. Tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn favur il-konvenuti Tarcisio Fleri.............. għad-differenza bejn is-somma mitluba bħala bilanċ tal-kontijiet f'din iċ-ċitazzjoni, ċjoè s-somma ta' £965. 18. 6, u s-somma riżultanti minn dik l-iskrittura fuq imsemmija ċjoè ta' £468. 19. 11, u ċjoè fis-somma ta' £496. 18. 7, u għalhekk irrespinġiet it-talba għal dik is-somma, u tirrespinġi dik l-eċċezzjoni għad-differenza; l-ispejjeż di fronti għall-attur..............;

3. Tagħti żmien ta' erbgħin ġurnata lil dawk il-konve-

nuti appellati fuq imsemmija biex jagixxu kontra l-attur pe[illegible] mezz ta' kawża separata għall-impunjazzjoni ta' dik l-iskrittu ra; spejjeż riżervati għad-deċiżjoni finali; u l-kawża tibqa' fil konfronti tagħhom biss għat-13 ta' Ottubru 1947;

Salva enki favur l-attur kwalunkwe azzjoni oħra, jekk [illegible] kif trid il-liġi.

---